# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors numru 51/17/2 AL**

**Martin Leonard Micallef**

**v.**

**Jacqueline Micallef**

1. Il-konvenuta appellat minn digriet li tat il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *in camera* fil-25 ta' Ġunju, 2022, li bih ċaħdet it-talba sabiex tressaq prova dwar trasferiment tal-ispiżerija bl-isem 'Victor's Pharmacy' u llum bl-isem ta' 'Browns Pharmacy' (ara rikors preżentat waqt is-seduta tas-16 ta' Ġunju, 2022). Trasferiment li l-konvenuta ssostni li sar fl-aħħar tas-sena 2021 jew fil-bidu tas-sena 2022. Ir-raġuni li tat l-Ewwel Qorti kienet minħabba *"uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta"*. Talba li

saret fl-istadju meta l-provi quddiem il-perit legali ngħalqu. Fil-fatt kien fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 2021 (fol. 283) li l-perit legali għarraf lill-Qorti li l-provi quddiemu ngħalqu u kien fadal ir-rapport tal-perit komputist.

2. Wara li ngħata d-digriet meritu tal-appell tal-konvenuta, b'digriet ieħor tal-11 ta' Lulju, 2022, l-Ewwel Qorti tat permess lill-konvenuta sabiex tappella mid-digriet tal-25 ta' Ġunju, 2022 (ara rikors tal-4 ta' Lulju, 2022).

3. Il-konvenuta tilmenta li bid-digriet in kwistjoni nkiser il-jedd tagħha għal smigħ xieraq. Kompliet:

> *"..... il-liġi hi ċara u ġenerika fis-sens illi l-frott li ġej minn proprjeta parafernali, jidħol kollu fil-komunjoni tal-akkwisti u konsegwentement l-esponenti għandha sehem mill-istess. Madankollu, sabiex hija jkollha sehem mill-istess, jeħtieġ illi tali dħul jiġi ppruvat, u għalkemm l-esponenti ressqet provi fir-rigward tal-ispiżerija meritu in kwistjoni, fil-proċess quddiem il-Qorti tal-Familja m'hemm ebda prova pertinenti għat-trasferiment tal-istess spiżerija u negozju lis-soċjeta Browns, li seħħ wara li ngħalqu l-provi u f'liema l-esponenti ma kinitx parteċipi. Konsegwentement bl-istess mod, quddiem il-Qorti, lanqas m'hemm prova tad-dħul li Martin Micallef ipperċepixxa waħdu, anke jekk u minkejja li sal-lum huwa għadu raġel miżżewweġ.*
>
> *Illi tali prova hija rilevanti għal kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet kif irid il-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili u l-esponenti tista' biss tipprova dak li qed tallega u ċioe' li żewġha daħħal ammont sostanzjali ta' flus mit-trasferiment tal-ispiżerija billi tressaq il-provi relattivi għall-istess trasferiment, li kif diġa' ingħad sar mill-appellat wara li l-provi tal-partijiet ġew dikjarati magħluqa mill-Qorti.*
>
> *Illi......... l-uniku ċans li għandha l-esponenti biex tressaq tali prova kruċjali huwa quddiemha, stante li kif inhu ben risaput mhuwiex ammissibbli li l-esponenti tressaq provi ġodda quddiem il-Qorti tal-Appell, meta għandha kull opportunita' biex tagħmel dan quddiem l-Ewwel Qorti.......*

> *........... bid-digriet tagħha tal-25 ta' Ġunju 2022, antiċipat dak li ser ikun il-pronunzjament tagħha f'sentenza finali mingħajr m'għandha quddiemha l-istampa ċara u kompluta tal-imsemmi negozju, li jidher li r-raġel unilateralment ittrasferixxa fuq terzi. Dan ser ikun ifisser li fuq parti mid-dħul appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti mhux ser ikun hemm deċiżjoni finali dwaru u dan ser iwassal għall-pluralita' ta' proċeduri stante li l-esponenti għandha kull interess li tkun taf x'kien l-inkass li ħa żewġha wara t-trasferiment tal-ispiżerija lil Browns, minn liema hija għandha indubbjament sehem. Jekk mhux ser ikun hemm prova dwar l-istess, quddiem il-Qorti li ser tiddeċiedi s-separazzjoni, dan ifisser li tali dħlu ser jibqa' pendentiu mhux ser ikun hemm deċiżjoni finali dwaru u għalhekk l-esponenti qed tiddikjara minn issa, li hija disposta li terġa' tiftaħ proċeduri ġudizzjarji mill-ġdid, biex tali inkass jiġi kkwantifikat u hi tieħu sehemha mill-istess, kif del resto għandha dritt li tagħmel......".*

4. Fis-17 ta' Ottubru, 2022, l-attur ippreżenta t-tweġiba u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

5. Il-Qorti tibda biex tosserva li digriet ta' Qorti li fih sempliċement jingħad *"Tiċħad it-talbiet għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta"*, m'hijiex motivazzjoni suffiċjenti. Fid-digriet l-Ewwel Qorti kellha tgħid x'kienu r-raġunijiet fit-tweġiba li wassluha biex tiċħad it-talba f'rikors, u mhux tħalli lill-partijiet fi stat ta' nċertezza. Għalhekk id-digriet li ngħata fil-25 ta' Ġunju, 2022, m'huwiex validu. Madankollu sabiex jiġi evitat ħela ta' ħin u iktar spejjeż, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis ukoll il-meritu.

6. L-attur argumenta li ma jistax isir appell minn digriet li jiċħad talba għall-preżentata ta' att pubbliku minħabba dak li jipprovdi l-Art. 229(1)(f) tal-Kap. 12. Dan peress li fil-premessi tar-rikors, il-konvenuta qalet: *"3.... jeħtieġ li din il-prova ġdid tinġieb a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti,*

*prova li essenzjalment tikkonsisti fl-esebizzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ li wara kollox huwa att pubbliku”*. Il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-attur. It-talba tal-konvenuta magħmula bir-rikors li ppreżentat waqt is-seduta tas-16 ta’ Ġunju, 2022, fir-realtà hi sabiex jerġa’ jinfetaħ l-istadju tal-provi biex tressaq prova dwar it-trasferiment tan-negozju.

7. Dwar il-meritu jirriżulta li b’digriet mogħti fil-25 ta’ Frar, 2019, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta sabiex jinħatar perit komputist biex jagħmel stima tal-avvjament tal-kumpanija Victor’s Distrubitors Limited u jiddetermina l-valur tal-istess kumpanija. Talba li l-attur ma ddikjarax li qiegħed joġġezzjona għaliha minkejja li talab li qabel jingħata digriet, il-Qorti tisma’ lill-partijiet (ara tweġiba preżentata fit-22 ta’ Frar, 2019). L-attur qal ukoll *inter alia* li fl-atti hemm l-*accounts* tal-kumpanija u minnhom tista’ ssir l-istima mitluba, li l-importazzjoni tal-mediċina m’għadhiex tagħmel sens u li l-kumpanija kienet tistrieħ fuq negozju tal-ispiżerija li hi parafernali tal-attur.

8. Fl-atti hemm ir-rapport li sar mill-perit komputist William Spiteri Bailey (fol. 205) li ta stima tal-kumpanija fl-ammont ta’ €45,857, in kwantu għal €11,947 *“total value of business goodwill”* u €33,910 *“net assets of the Company as at 31st December 2018”* (fol. 209 u 213). Rapport preżentat fil-11 ta’ Ġunju, 2021. Fih jingħad li l-kumpanija ġiet xolta fit-28 ta’ Jannar, 2021, u nħatar stralċarju u *“The company has since disposed*

*of all its stock and ceased to trade"*. A fol. 279 hemm l-avviż tar-riżoluzzjoni straordinarja li ttieħdet għax-xoljiment tal-kumpanija (fol. 278).

9. Fl-affidavit l-attur xehed li l-ġid parafernali tiegħu jinkludi:

> *"d) Negozju li tinkludi Victor's Pharmacy u Victor's Enterprises (li ġie trasferit għal Victor's Distributors Ltd fl-1994, bil-ħażniet kollha tagħhom u l-assi u t-tagħmir (Dok. J1-J2)"* (fol. 64).

10. Il-kumpanija Victor's Distributors Ltd twaqqfet matul iż-żwieġ (il-partijiet iżżewġu fit-18 ta' Settembru, 1993, u l-kumpanija twaqqfet wara ż-żwieġ). Kumpanija li skont rapport tal-attur (*sole director*) għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2014, l-attività prinċipali tagħha hi, *"the importation and sale of pharmaceutical, cosmetic and related products"*. F'dikjarazzjoni ffirmata mill-attur datata 12 ta' Ġunju, 2019, iddikjara li fil-31 ta' Diċembru, 2018, *"To date the Company has gotten rid of all its stock and has ceased to trade"* (fol. 216).

11. Għalkemm il-komunjoni tal-akkwisti ġiet terminata bis-sentenza li tat l-Ewwel Qorti fit-8 ta' Novembru, 2018, u llum hi ġudikat, hu fis-sentenza finali li l-Ewwel Qorti ser tiddetermina x'ġid kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u x'ġid hu komuni bejn il-partijiet.

12. Jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba għall-ħatra ta' perit komputist sabiex jagħti valur tal-avvjament u tan-negozju tal-kumpanija

(ara digriet tal-25 ta' Frar, 2019). Imbagħad fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 2021 (fol. 283) il-konvenuta talbet lill-Ewwel Qorti sabiex tordna li l-perit komputist jagħmel stima tal-avvjament ta' Victor's Pharmacy. B'digriet tat-23 ta' Settembru, 2021, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba, bir-raġuni tkun *'...... għall-fini ta' kompletezza tal-provi"* (fol. 284). Però wara rikors tal-attur (tat-2 ta' Frar 2022), l-Ewwel Qorti ħasret id-digriet tat-23 ta' Settembru, 2021. Ma jirriżultax li l-konvenuta talbet permess sabiex tappella minn dak id-digriet.

13. L-attur argumenta li l-konvenuta m'għandhiex sehem mill-qligħ tal-ispiżerija u lanqas ma jista' jiġri illi r-rikavat tal-bejgħ tal-kirja/avvjament tan-negozju (it-tnejn proprjetá parafernali tal-appellat kif ammettiet l-appellanti) jkun kompriż fil-komunjoni. Mir-rikors tal-appell ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni li l-kirja tal-ispiżerija hi parafernali tal-attur. Però l-konvenuta targumenta li, *".... l-frott li ġej minn proprjeta parafernali, jidħol kollu fil-komunjoni tal-akkwisti u konsegwentement l-esponenti għandha sehem mill-istess".* Jekk dan huwiex minnu jew le, irid jiġi determinat fis-sentenza li għad trid tagħti l-Ewwel Qorti.

14. Il-fatt li l-komunjoni tal-akkwisti ġiet terminata b'sentenza li ngħatat fit-8 ta' Novembru, 2018, lanqas mhi raġuni li f'dan l-istadju tista' sservi bħala argument favur l-attur sabiex il-konvenuta ma titħalliex tressaq provi dwar in-negozju li sar sabiex l-ispiżerija għaddiet f'idejn terzi. Hu

fis-sentenza dwar il-meritu li l-Ewwel Qorti sejra tikkunsidra u tiddeċiedi jekk it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bis-sentenza tat-8 ta' Novembru, 2018, għandhiex effett fuq il-pretensjoni tal-konvenuta li min-naħa tagħha ssostni li għandha sehem mir-rikavat tat-trasferiment tan-negozju tal-ispiżerija bis-saħħa tal-Art. 1320(b) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> *"(b)...... il-frottijiet tal-beni tal-partijiet miżżewġa, magħduda l-frottijiet tal-beni tad-dota jew suġġetti għal fedekommess, sew jekk il-beni kienu għand kwalunkwe wieħed mill-konjuġi minn qabel iż-żwieġ, sew jekk ikunu missew lil parti minnhom wara b'wirt, b'donazzjoni ......"*

15. Għalkemm kif is-sentenza saret ġudikat il-komunjoni tal-akkwisti ma baqgħetx teżisti, dak li kien jifforma parti mill-istess xorta baqa' komunjoni bejn il-konjuġi sakemm issir il-qasma tal-ġid.

16. Inoltre l-attur m'huwiex jikkontesta li wara li ngħalaq il-ġbir tal-provi n-negozju kien trasferit u l-isem tal-ispiżerija nbidel minn Victor's Pharmacy għal Brown's Pharmacy. Li jippretendi hu li dak kollu li kellu x'jaqsam ma' Victor's Pharmacy, inkluż allura n-negozju, hu proprjetà parafernali tiegħu. Kif rajna l-konvenuta tippretendi mod ieħor. Għalkemm ingħalqu l-provi, din il-prova ġdida hi meħtieġa sabiex imbagħad fis-sentenza dwar il-meritu l-Qorti tiddeċiedi jekk jispettax xi sehem mill-qligħ li seta' sar, lill-konvenuta. F'dan l-istadju hu essenzjali li l-Ewwel Qorti jkollha l-provi kollha quddiemha qabel tagħti s-sentenza finali.

17. L-attur argumenta wkoll li, *"It-trasferiment huwa per se ġrajja ekonomikament newtrali illi bis-saħħa tiegħu l-appellat biddel il-forma (minn ġid inkorporali għal flus) tal-ġid parafernali tiegħu f'ċirkostanzi fejn appuntu minħabba t-terminazzjoni tal-komunjoni, l-appellanti qatt ma setgħet kellha interess ekonomiku jew legali. Fi ftit kliem, l-appellanti ġiet miżmuma milli tressaq provi irrilevanti"*. Hu prematur li wieħed jafferma li l-provi dwar it-trasferiment li sar huma rrilevanti, iktar u iktar mhux magħruf eżatt x'negozju sar sabiex l-ispiżerija minn Victor's Pharmacy saret Brown's Pharmacy.

18. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti hi tal-fehma li hu ġustifikat li jerġa' jinfetaħ l-istadju tal-provi sabiex jiġi determinat x'negozju seta' sar biex l-ispiżerija saret Brown's Pharmacy. B'dan il-mod l-Ewwel Qorti jkollha l-kwadru kollu tal-fatti rilevanti qabel tgħaddi għas-sentenza dwar il-meritu fejn ser tikkunsidra l-pretensjonijiet ta' kull parti. Dan ovvjament salv u mpreġudikat il-pretensjoni li għandha kull parti dwar x'inhu parafernali u komuni.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-konvenuta u tħassar id-digriet tal-Ewwel Qorti tal-25 ta' Ġunju, 2022, u tilqa' t-talbiet tal-konvenuta magħmula bir-rikors li ppreżentat fis-seduta tas-16 ta' Ġunju, 2022. Spejjeż ta' din id-deċiżjoni a karigu tal-attur.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da